**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 002/2019**

24 ta' Lulju 2019

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Marco Agius – Vici-Sindku
Johann Scerri – Kunsillier
Martin Vella – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier
Melanie Agius Attard - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Noyah Spiteri Hammett – Kunsilliera

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku, ppresjediet l-laqgha

**02.1 Qari ta' ittri ta' apologija**

02.1.1 Is-Sindku qrat e-mail mibghuta mill-Kunsilliera Noyah Spiteri Hammett li permezz taghha, il-Kunsill Lokali gie mitlub jikkunsidra l-possibilita' illi jiggustifika n-nuqqas ta' attendenza ghas-seduta tal-Kunsilliera Spiteri Hammett minhabba ragunijiet ta' sahha. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsilliera Spiteri Hammett kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

**02.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

02.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 1 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqtant gew meqjusa bhala moqrija

02.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondata mis-Sa. Melanie Agius, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni

**02.3 Indirizz mis-Sindku**

02.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li rapprezentanti tal-Kunsill Lokali kellhom mal-Onor. Ministru Joe Mizzi u ghaddiet dettalji ta' dak li kien gie diskuss waqt l-istess laqgha.

02.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li rapprezentanti tal-Kunsill Lokali kellhom mal-Onor. Segretarju Parlamentari Chris Agius u ghaddiet dettalji ta' dak li kien gie diskuss waqt l-istess laqgha.

02.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li rapprezentanti tal-Kunsill Lokali kellhom mal-Onor. Glenn Bedingfield u ghaddiet dettalji ta' dak li kien gie diskuss waqt l-istess laqgha.

02.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqghat li kellha ma' Infrastructure Malta rigward xogholijiet li kienu ser ikunu jsiru mill-istess entita' fi Triq Sant Dwardu gewwa il-Birgu u l-effetti li x-xogholijiet kien ser ikollhom fuq iz-zona tal-madwar, b'mod partikolari fejn jidhol traffiku.

02.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha ma' Infrastructure Malta li kienet inzammet u li matulha kien gie diskuss xoghol li l-istess entita' kienet wettqet fil-lokalita'. Waqt l-istess laqgha gew diskussi progetti li Infrastructure Malta kienet ser tkun qieghda timplimenta fix-xhur segwenti

02.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'numru ta' *default in performances* li kienu inhargu lill-kuntrattur tal-gbir ta' skart domestiku u laqgha li nzammet mal-istess kuntrattur rigward nuqqasijiet fis-servizz li kien qieghed jircievi l-Kunsill Lokali.

02.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu gew sottomessi zewg applikazzjoniijiet sabiex jinkisbu fondi bil-ghan illi jigi varat programm favur il-

harsien tal-annimali u jigu installati sistemi ta’ irrigazzjoni fi tliet siti fil-konfini ta’ Bormla.

02.3.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kien inzamm seminar li permezz tieghu il-kunsilliera gew infurmati bil-proceduri li jaddota l-Kunsill Lokali u tibdiliet li kien hemm fil-ligi tal-Kunsilli Lokali bir-riforma li kienet dahlet fis-sehh matul April 2019.

## 02.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

02.4.1 Ma kienx hemm

## 02.5 Approvazzjoni ta’ skedi ta hlasijiet;

02.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta’ hlasijiet (Skeda nru08/18) ghall-approvazzjoni.

02.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Melanie Agius Attard ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta’ hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

02.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista’ ta’ petty cash mahrug matul ix-xahar ta’ Gunju 2019 ghall-approvazzjoni.

02.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Melanie Agius Attard ssekondata mis-Sur Martin Vella, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

02.5.5 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista’ ta’ ordnijiet ghax-xiri mahruga bejn ix-xhur ta’ Gunju u Lulju 2019 ghall-approvazzjoni.

02.5.6 Fuq proposta tas-Sa. Melanie Agius Attard ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK C).

## 02.6 Traffiku u Parkegg

02.6.1 Is-Sindku qrat korrispondenza li kienet ghaddiet bejn il-Kunsill Lokali u Transport Malta rigward proposta ta’ gheluq ta’ Triq San Lazzru ghall-access ta’ vetturi u rakkomandazzjoni minn Transport Malta sabiex minflok tinghalaq it-triq jigu installati tabelli li jindikaw illi fit-triq in-kwistjoni ma’ setax isir parkegg. Wara diskussjoni libera li matulha l-kunsillier Martin Vella spjega s-sitwazzjoni, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tigi milqugha r-rakkomandazzjoni ta’ Transport Malta.

02.6.2 Il-Kunsillier Martin Vella qal illi kienet waslet korrispondenza minghand il-Kumitat Laburista ta’ Bormla, li permezz taghha il-Kunsill Lokali gie mitlub japprova bus

stop gdid fi Triq Wigi Rosato. Wara li l-Kunsilliera gew murija pjanta li kienet tindika s-sit identifikat ghall-installazzjoni tal-bus stop, kien hemm qbil unanimu illi minhabba s-sensitivita' tal-kaz u minhabba l-fatt illi l-Kunsill Lokali ma kellux il-kompetenza mehtiega sabiex jikkonkludi x'impatt tali inizjativa kien ser ikollha fuq it-traffiku u parkegg taz-zona, kellha tintalab l-assistenza ta' Transport Malta ghal gwida.

**2.7 Kuntratt tal-Knis**

2.7.1 Is-Sindku spjegat kif is-Sur Marco Agius kien talabha tnizzel il-materja fuq l-agenda bil-ghan illi ssir diskussjoni dwar is-servizz li l-Kunsill Lokali kien qieghed jiehu minghand il-kuntrattur in-kwistjoni. Is-Sa. Zerafa Civelli ghaddiet sabiex tispjega fid-dettall l-obbligi kuntrattwali tas-servizz.

2.7.2 Wara diskussjoni libera li matulha gew diskussi diversi possibilitajiet, kien hemm qbil illi b'approvazzjoni mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku, u kemm il-darba tinhass il-htiega, il-contracts manager kellu jinghata l-fakulta' li jaghmel uzu minn haddiema assenjati sabiex tizdied il-frekwenza ta' knis f'toroq specifici.

**2.8 Rapporti**

2.8.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tar-rapport finanzjarju ta' kull kwart ghall-Perjodu April-Gunju 2019 u stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega lill-Kunsilliera prezenti l-kontenut tal-istess dokument. Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjega d-dokument imsemmi u wiegeb mistoqsijiet li sarulu mill-Kunsilliera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondat minn Melanie Agius Attard, il-Kunsill Lokal unanimament approva d-dokument hekk kif imressaq.

2.8.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li l-amministrazzjoni kienet harget b'sett ta' kriterji konnessi mall-provvista' u manutenzjoni ta' live streaming ghas-seduti tal-Kunsill Lokali, numru ta' fornituri kienu gew mitluba jipprovdu lill-Kunsill Lokali bi stima ghall-imsemmi servizz. Dan in-vista tal-fatt illi l-kuntratt li l-Kunsill Lokali kellu kien ghalaq. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi minn numru ta' fornituri li gew mitluba, kienet biss kumpanija wahda li kienet ikkwotat, liema kwotazzjoni kienet tammonta ghal ewro1327.50 fis-sena. Hija sahqet illi fl-opinjoni taghha, minhabba l-obbligu legali li l-Kunsill Lokali kellu li jxandar online is-seduti tal-Kunsill Lokali, kienet tal-fehma illi l-Kunsill Lokali jipprocedi u jassenja x-xoghol lill fornitur li kien ipprovda l-istima. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti li l-Kunsill Lokali kellu jipprocedi hekk kif propost mis-Sindku.

2.8.3 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali kwotazzjonijiet li kienet gabret l-amministrazzjoni bil-ghan illi jigi installat festun fi Gnien Santa Margerita. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fil-frattemp l-amministrazzjoni kienet hadet il-passi mehtiega u sar xi xoghol mill-korporazzjoni Enemalta. Ghaldaqstant, fl-opinjoni

taghha, il-Kunsill Lokali ma kellux ghalfejn izizd aktar dawl fiz-zona. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Sindku.

2.8.4 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali ddecieda illi b'konnessjoni ma Cirk AKL2019/038 kellha tinzebagh pedestrian crossing fi Triq Santa Tereza b'kuluri li jindikaw tolleranza ghad-diversita'.
- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali ma kellux jirrevedi l-pozizzjoni tieghu b'konnessjoni ma' talba li kien ircieva relatata ma hlas ghal attivitajiet li ma kienux immaterjalizzaw.
- Minhabba problema li kienet qieghda tohloq, kellu jitnehha kontenitur ghall-hwejjed uzati li kien tpogga fi Triq Dom Mintoff, biswit latrina pubblika.
- Il-Kunsillier Johann Scerri kellu jiehu hsieb jippjana attivita' bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jippartecipa fil-kampanja Clean up the World 2019.
- Ma kellha tinsab ebda oggezzjoni ghal talba li kien ressaq resident sabiex jinqala' railing li kien hemm fi Triq San Lazzru. Kellhom isiru l-arrangamenti mehtiega mill-kuntrattur li kien ser jaghmel ix-xoghol bil-ghan illi l-istess railing jitpogga lura f'postu filghaxijiet.
- Wara li nqrat korrispondenza l-Kunsilliera b'mod invidiwali stqarru jekk kienux disposti li jaghtu parti mill-*allowance* li kienu jircievu ta' kull xahar lill-*Malta Community Chest Fund*.
- Kien hemm diskussjoni libera, dwar korrispondenza li b'talba li l-Kunsill Lokali kien ircieva sabiex nhar it-30 ta' Lulju jinharaq nar fi Gnien il-Kottoner b'konnessjoni ma' attivita' li kienet ser tittella'. Is-Sindku qalet illi fl-opinjoni taghha, galadarba jigu sodisfatti l-kudizzjonijiet li kien iddiskuta l-Kunsill Lokali, kellha tinhareg no objection sabiex jiharaq in-nar hekk kif mitlub. Is-Sur Martin Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku, liema sekondament wassal ghal vot tliet voti favur u tliet astensjonijiet. F'dan l-istadju is-Sindku, skont Artiklu 3(3) tas-sitt skeda (ordnijiet permanenti) tal-Att dwar il-Gvern Lokali (Kap 363), ghamlet uzu mill-casting vote. B'hekk il-proposta kisbet maggoranza b'erba voti favur u tliet astensjonijiet.

2.8.5 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport li kien hejja l-contracts manager rigward is-servizzi li kien jircievi l-Kunsill Lokali minghand kuntratturi varji. Wara li gie evalwat ir-rapport u l-azzjonijiet li kien qieghed jiehu l-Kunsill Lokali sabiex jigu rimedjati nuqqasijiet li kienu gew identifikati mill-contracts manager, kien hemm diskussjoni libera rigward l-operat tal-contracts manager innifsu. Fir-rigward, gie deciz illi kien hemm diffikulta' marbuta mal-fatt illi l-ammont ta' sieghat li l-contracts manager kien qieghed jaghmel skont il-klawsola

kuntrattwali 4.2.3 tal-kundizzjonijiet specifici ma kienux qieghdin ikunu bizzejjed sabiex il-kuntrattur ikopri x-xoghol kollu. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fl-opinjoni taghha, il-kunsill Lokali kellu skont l-istess klawsola izid in-numru ta' sieghat ta' hidma tal-kuntrattur bil-ghan illi jkun hemm sorveljanza aktar efficjenti tax-xogholijiet li jkunu ghaddejjin fil- lokalita'. Wara diskussjoni qasira, li matulha gie diskuss ix-xoghol efficjenti li kien qieghed iwettaq il-kuntrattur, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur James Cauchi u bi qbil unanimu fost il-kunsilliera prezenti, gie deciz illi sa tmiem il-legislatura u cioe' sal-ahhar ta' Dicembru 2019, in-numru ta' sieghat ta' hidma tal-contracts manager kellhom jitilighu minn 15 il-siegha fil- gimgha ghal 25 siegha fil-gimgha .

**2.9 Progetti u xogholijiet**

2.9.1 Is-Sindku qalet illi l-Kunsill Lokali kien ircieva talba sabiex isiru tliet monumenti fil-lokalita'. Wara li ghaddiet id-dettalji tat-talba li kienet irceviet, kien hemm diskussjoni libera li matulha kien hemm qbil illi kellha ssir laqgha mal-fondazzjoni Kottonera bil-ghan illi jigi evalwat possibbli ftehim ta' kollaborazzjoni bejn il-partijiet.

**2.10 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

2.10.1 Is-seduta giet fi tmiemha fit-8:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-28 ta' Awissu 2019 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 24 ta' Lulju, 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ________________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |